MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Numru. 826/2005

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastasi)
vs
David Zammit

Il-Qorti;
Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija kontra l-imputat David Zammit ta' 23 sena, bin Joseph u Josephine nata Borg imwieled Pieta' fl-14 ta' Novembru, 1981 talli fit-18 ta' Frar, 2005, ghall-habta ta' l-Ghaxra ta' filghodu filwaqt li kont qieghed xoghol fil-Malta Post sitwata gewwa Hal Qormi ikkommettejt serq ta' flus u cekkijiet ghad-dannu tad-Dar tal-Provvidenza liema serq huwa aggravat bil-persuna u dan ai termini ta' l-artikolu 261 (d) tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fuq talba tal-'Malta Communications Authority' b'qerq ftaht jew gieghelt li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi ikkunsinnat, jew b'qerq ghamilt xi att li bih il-kunsinna

xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta jew imtawla u dan ai termini ta’ l-artikolu 74 (1) tal-Kapitlu 254;

Rat l-atti ta’ din il-kawza, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu waqt is-seduta ta’ 1 ta’ Novembru, 2006;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jikkonsidra li jirtira tali ammissjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-Proseuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba konta tieghu, qedgha ssibu hati ta’ l-istess imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (d) tal-Kapitlu 9 u 74 (1) tal-Kapitlu 254.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet u l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri;

Il-Qorti jidrilha li f’dawn ic-cirkostanzi ikun ghaqli li l-imputat jinghata l-opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u dan fl-istess interess ta’ l-imputat kif ukoll tas-socjeta’ u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 261 (d), 281 (a) u 28A tal-Kapitlu 9 u l-artikolu 74 (1) tal-Kapitlu 254 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga’ ntqal, ghall-prigunerija ta’ sena sospiza ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilta’ tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’

prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------